**MISTOQSIJIET MIŻMUMA MIS-SEDJA MATUL IT-13-IL LEĠIŻLATURA**

**33. ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Jista' l-Ispeaker jgħid matul din il-Leġiżlatura (Numru XIII) s'issa, kemm-il mistoqsija parlamentari ġiet meqjusa minnu bħala li ma tistax issir? Jista' jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn il-mistoqsijiet parlamentari u jgħid għal kull waħda minnhom minn min ġiet ippreżentata u x'kienet ir-raġuni li minħabba fiha huwa bħala Speaker iddeċieda li l-mistoqsija parlamentari ma tistax issir?

30.4.19

**SPEAKER:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul din il-leġiżlatura, kien hemm 19-il mistoqsija parlamentari li ġew meqjusa bħala mhux aċċettabbli taħt l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, senjatament taħt l-Ordni Permanenti 26(1), 27(4), 27(6) u 27(9) li jgħidu:

> 26. (1) Jistgħu jsiru interpellanzi fil-bidu tax-xogħol pubbliku lil kull Ministru dwar ħwejjeġ pubbliċi jew lil kull membru ieħor dwar xi xogħol tal-Kamra li għalih dak il-Ministru jew membru jkun responsabbli.
>
> 27. L-iskop xieraq ta' interpellanza jkun li jinkiseb tagħrif dwar ħaġa ta' fatt fit-tagħrif speċjali tal-membru li lilu tkun saret.
>
> Id-dritt ta' għemil ta' interpellanzi jkun regolat mir-regoli li ġejjin:
>
> (4) ma għandhiex issir interpellanza dwar proċeduri f'kumitat li ma jkunux tqiegħdu quddiem il-Kamra b'rapport tal-kumitat;
>
> (6) ma għandhiex issir interpellanza dwar il-karattru jew il-kondotta ta' xi persuna ħlief fil-kariga tagħha uffiċjali jew pubblika;
>
> (9) interpellanza li tkun imwieġba għal kollox ma tistax terġa' tiġi magħmula.

Is-Sedja tirreferi wkoll lill-Onor. Membru għar-*rulings* li ngħataw fis-Seduti Nri 94 tal-14 ta' Marzu 2018 u 99 tal-11 ta' April 2018 li kienu jittrattaw mistoqsijiet mhux aċċettabbli.

Fl-istess *rulings* jingħad ukoll li kwestjonijiet dwar l-ammissibilità ta' mistoqsijiet parlamentari hija materja li jeħtieġ titqajjem b'mod privat mas-Sedja u li s-Sedja tista' saħansitra żżomm lil Membru milli jaqra l-kontenut ta' dawn il-mistoqsijiet waqt li jkun qed iqajjem punt ta' ordni. Jingħad ukoll li r-rifjut ta' tali mistoqsijiet ma jistax jitqajjem, anke b'mod inċidentali, waqt dibattitu. Fid-dawl ta' dan u peress li l-kontenut ta' din it-tweġiba se ssir pubblika, is-Sedja mhix f'pożizzjoni li tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn il-mistoqsijiet.

Il-mistoqsijiet li nżammu saru mill-Onorevoli Robert Arrigo, Karol Aquilina, Jason Azzopardi, Ivan Bartolo, Simon Busuttil, Ryan Callus, Therese Comodini Cachia, Godfrey Farrugia, Marlene Farrugia, Beppe Fenech Adami, Karl Gouder u Edwin Vassallo.

Seduta 224
6 ta' Mejju 2019